*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 58**

**Il-Ħamis 25 ta' Mejju 2017**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Charlot Mifsud- Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier
John B Camilleri – Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
Daniel Spiteri- Kunsillier
Charlot Cassar- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Kien hemm ittra waħda t'apoloġija.

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Minuti**

**58.1** ***<u>Qari tal-ittri ta' apoloġiji:</u>***

**58.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra t'apoloġija tal-Viċi Sindku s-Sinjorina Deisree Attard.

**58.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti:</u>***

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li f'paġna 7 paragrafu 57.9.2 jrid jiżdied dan il-paragrafu:

*"Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li din kienet diġa` saret applikazzjoni".*

*Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ippropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.*

Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

**58.2.1** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsta fuq paġna 8 paragrafu 57.9.5 jekk ordnajniex it-*traffic mirror* ta' Triq il-Qaliet ma Triq il-Kappara*.*

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-mera ordnajniha.

**58.2.2** Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi hawn ħafna tabelli illi huma iffejdjati u għandu jsir eżerċizzju sabiex jinbidlu.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi diġa tlabna lil Koptasin sabiex bosta tabelli jinbidlu.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitolbu lil Koptasin sabiex jgħamlu eżerċizzju u jinbidlu it-tabelli li hemm iffejdjati. Il-Kunsill qabel ukoll illi jekk dan ix-xogħol jdum ma jsir għanda tinħareġ *default notice.*

- ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri u l-Kunsillier is-Sur Cahrlot Cassar daħlu għal laqgħa fil-5.15pm***

**58.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

**58.3.1** ***<u>Skema Toroq Rurali (35/1603/17/I):</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi l-Gvern Ċentrali ser jirranġa diversi toroq rurali li għandna fil-lokal ta' Marsaskala. Huwa kompla jispjega illi t-toroq imsemijja huma Triq iż-Żinżell, Triq San Leonardo, Sqaq Skarpell, Triq Torri Mamo,.

**58.3.2** ***<u>Estensjoni tal-Kiri tal-Uffiċini tal-Kunsill:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi kuntratt tal-kiri tal-post tal-uffiċini tal-Kunsilli ser jiskadi fil-31 ta' Lulju 2017 u għaldaqstant jrid jiġi mġedded. Huwa qal li sid il-post qed jitlob illi l-kera togħla għal €1150 fix-xahar meta fil-preżent inħalsu €815.28

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi iktar ma nibdew bil-proġett tal-bini tal-Kunsill jkun iktar aħjar.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa jekk nistgħux nitolbu lil sid il-post sabiex nagħmlu ftehim u din il-kera tibqa fissa għal ħames snin

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi hu diġa talbu sabiex il-kera tibqa l-istess għal ħames snin li ġejjin pero` sid il-kera ma aċċettax



Il-Kunsill qabel unanimament sabiex inġeddu l-kuntratt għal sena oħra peress li ma hemmx alternattiva oħra.

**58.3.3** ***Impjant tar-Riċiklaġġ fil-Wasteserv:***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-problema li għanda bl-impjant tar-riċiklaġġ trid tissolva sabiex l-aċċident li sar ġewwa il-wasteserv ma jerġax isseħħ għax seta jkun hemm konsegwenzi iktar gravi. Huwa kompla jgħid li wara li snin ilhu kienu saru diversi protesti u anke kien hemm xi nies li telgħu brussels sabiex dan l-impjant jitneħħa mil-lokal ta' Marsaskala irriżulta li dan l-impjant għandu jitneħħa kemm jista jkun malajr. Huwa kompla jgħid illi bħala Kunsill għanda noħorġu stqarrija stampa sabiex dan l-impjant għandu jiżżarma u jitneħħa mil-lokal tagħna.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

Is-Sindku qal li dan l-impjant ser jitneħħa kif qal il-Prim Ministru pero` dan jista jsir gradwalment..

Il-Kunsill is-Sur Lawrence Ciantar qal li dan l-impjant irid jitneħħa mmedjatament.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li hu kien preżenti hekk kif beda dan l-inċident u l-ħruq beda minn barra fejn jkun hemm il-plastik u l-karti u veru konna ixxurtjati li ma splodewx il-ċilindri tal-gass li hemm ġol-impjant.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi għandna nibgħatu ukoll ittra ta' ringrazzjament lil protezzjoni ċivili għax-xogħol li għamlu.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal aħna naqblu mal-poroposta tal-Prim Ministru sabiex dan l-impjant jitneħħa u la aħna l-Iskalin qedgħin fil-periklu dan l-impjant ghandu jitneħħa kemm jista jkun malajr.

Is-Sindku spjega illi dement li kien hemm proposta mill-Prim Ministru żgur li mhux ser ikun hemm diffikulta li jitneħħa.

**58.4** ***Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:***

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**58.5** ***Management Letter mill-Awditur u risposta mil-Kunsill Lokali ta' Marsaskala:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Awdituri tal-Gvern Ċentrali ġew għamlu l-audit u għalkemm kellna audit tajjeb xorta jkollna xi affarijiet li jirrimarkaw għalijom u nkunu irridu ntugħhom ir-risposta tagħna. Huwa kompla jispjega li għaldaqstant qed tiġi preżentata r-*reply to management letter* lil Awdituri Ġenerali.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nibgħatu l-*management letter*.

**58.6** ***Ċirkulari Nru 9/2017 rigward applikazzjoni li trid tiġi sottomessa mill-Kunsill Loklai rigward attivitajiet minn Jannar 2018 sa Diċembru 2020:***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi applikajna għal attivita` tal-Karnival li ser issir fis-27 ta' Awissu 2017 u irċevejna risposta illi l-Kunsill rebaħ €6000 għal din l-attivita`.

Huwa kompla jispjega illi irridu napplikaw għal attivitajiet illi irridu nagħmlu bejn Jannar 2018 sa Diċembru 2020.

Il-Kunsill qabel unanimament illi napplikaw li ssir l-attivita` tal-Karnival għas-sentejn li huma.



**58.6.1** ***Laqgħa mal-Perit tal-WSC rigward applikazzjoni min-naħa tal-WSC biex jissuplixxu ilma lil-egħlieqi bil-fondi tal-Unjoni Ewropeja:***

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lil Kunsilliera l-WSC applikaw għal skema sabiex jgħaddu komunikazjonijiet ġodda tat-tisqija tal-għelieqi ħalli ilma tad-drenaġġ jiġi purifikat u jkun *B Class Water* li jista jintuża għal-egħlieqi. Huwa kompla jispjega illi tkellem mal-Perit minħabba li għanda diversi toroq rurali illi sarilhom wiċċ ġdid. Huwa kompla jispjega illi mad-diskussjonijiet li qed isiru mal-Perit tkellmu sabiex il-*patching* li għandu jsir, issir nofs triq u mhux fejn jitqatta biss it-tarmak. Huwa qal li x-xogħol f'Marsaskala ser jsir fl-2019.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li ċertu toroq li għamilna kienu saru bix-xibka u jekk tinqata x-xibka t-toroq ser jiddafju. Huwa kompla jgħid ukoll illi peress li hemm proġettat ukoll li jsiru toroq rurali min-naħa tal-Gvern Ċentrali dawn għandhom jikkordinaw flimkien sabiex jilħqu jgħaddu l-pipijiet bil-lest sabiex ma terġax titkisser it-triq.

**58.6.2** **Informazzjoni dwar PA2240/17 fi Triq ix-Xatt li tinvolvi demolizzjoni ta' struttura antika u bini ta ristoranti u residenza:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li il-Kunsill kien daħħal l-oġġezzjoni tiegħu għal din il-binja sabiex jirriserva d-dritt li jkun jista jkun bħala *objector* u nkunu nistgħu ndaħlu l-kummenti tagħna. Huwa kompla jispjega illi kien hemm artiklu fil-gazzetta li jgħid illi s-Supretendent tal-Wirt Kulturali ma jarax li din il-binja għanda xi prestiġju storiku fuqha, Fl-istess ħin din il-propjeta` mhijiex skedata.

Is-Sindku stieden lil Perit Mintoff il-Perit li kien qed jirrapreżenta lil applikant sabiex jispjega din l-applikazzjoni.

Il-Perit Mintoff spjega illi s-sidien preċedenti kien użaw ħafna siment fl-istruttura u anke għanda blajjet li huma bil-konkos. Apparti minn hemm qal illi l-ġebla mmermra u ma tista tiġi ristawrata.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li din hija binja illi dejjem tidher f'ritratti antiki u din il-binja hija *landmark* fil-lokal tagħna.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma setax jemmen kif is-Supretendent tal-Wirt Kulturali qal li din il-binja ma għandiex l-ebda preġju.

Il-Perit Mintoff qal illi is-supretendent wasal għal din il-konklużjoni wara li għamel *site inspection*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fl-opinjoni tiegħu din il-binji trid tiġi restawrata.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li fl-opinjoni tiegħu l-Kusnill għandu jħalli oġġezzjoni u jħalli f'idejn l-awtoritajiet.

Il-Perit Mintoff spjega illi d-disinn ta din il-binja ġie imfassal fuq it-tema taż-żona u din il-binja tirrapreżenta *floating house*. Huwa kompla jispjega illi l-*footprint* ser jibqa l-istess u l-ewwel żewġ sulari ser jkun ristorant, illi l-entratura tiegħu ser issir fi Triq ix-Xatt u iż-żewġ sulari ta fuq ser tkun akkomodazzjoni mifruxa fuq żewġ sulari li l-entratura tad-dar ser tkun minn Triq Sant'Anna.

Il-Kunsillier is-sur Daniel Spiteri qal illi bħala Kunsill għandna nipprotestaw mal-awtoritajiet għaliex ma jistax jifhem kif dar illi hija waħda mill-eqdem ġo Marsaskala mhux skedata. Huwa qal li jaraha stramba meta wieħed jikkunsidra li minħabba niċċa biex inċaqalquha kellna ħafna kumplikazjonijiet filwaqt li għal din l-applikazzjoni m'hemmx oġġezzjoni.

Is-Sindku qal illi la l-esperti ħarġu r-rapporti tagħhom huwa tal-opinjoni li jibqa fuq ir-rapport tal-esperti. Huwa kompla jgħid illi kien ġie deċiż illi jekk id-dar tkun skedata allura aħna nħallu f'idejn l-awtoritajiet jiddeċidu u dan fuq il-fatt li aħna ħadd minnha ma` hu espert.



Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lil Perit jekk fl-applikazzjoni li ssottomettew iddikjarawx illi din id-dar hija kkundannata.

Il-Perit Mintoff wieġbu illi ma qalux li kienet ikkundannata.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li n-nies għadhom sallum il-ġurnata jgergru illi l-istage li kien hemm fi Pjazza Dun Tarċis Aguis twaqqa meta stajna nirrestawrah u hemm bżonn illi nqabdu Perit li qiegħed f'dan il-qasam sabiex jelenka lista ta' bini li għandna fil-lokali u li huwa ta' wirt kulturali sabiex nippreżentaw il-lista lil PA ħalli jiġu skedati.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fi Triq La Sengle hemm dar hekk.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex il-Perit Mintoff jħejji rapport tiegħu filwaqt li jipprovdilna kopja tad-dikjarazjoni tas-Supretendent ħalli din l-appikazzjoni tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ħareġ mil-laqgħa fis-6.00pm***

58.6.4 ***<u>Applikazzjoni PA/02784/17 To sanction amendements from approved PA3180/95 including the sanctioning of an installed gas tank in Junction 8:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi sid l-istabilment tas-*Summer Nights Guesthouse* applika sabiex jpoġġi ċilindri tal-gas. Huwa kompla jgħid illi huwa fl-*area tiegħu* applika iżda ma stajniex noħorġu l-pjanti għal din is-seduta. Huwa qal illi bħala Kunsill xorta tfajna l-oġġezzjoni tagħna. L-oġġezzjoni kienet ibbażata fuq il-permess li kemm-il darba it-tank tal-gas qiegħed fi propjeta` pubblika, il-Kunsill joġġezzjona għal applikazzjoni

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex għal laqgħa li jmiss iniżlu il-pjanti u d-dokumenti kollha neċessarji.

58.7 **<u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:</u>**

58.7.1 ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

58.8 ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

58.8.1 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- Is-Sur John Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar (152 – 10/5/17):</u>**

*"Fi triq il-Qaliet min ikun ħiereġ min Triq il-Vajrita saret perikoluża li toħroġ bil- karozza allura jipproponi li jitwaħħlu traffic mirrors lejn in-naħa ta' Triq tal-Gardiel biex min ikun tiela it-telgħa jkun jidher aħjar."*

Il-Kunsill qabel unanimament li tiġi nstallata mera fi Triq il-Vajrita ma Triq il-Qaliet faċċata ta' *Vivienn's Beauty Salon*.

58.8.2 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur John B Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar (153 – 10/5/17):</u>**

*"Għal dawn l-aħħar xhur ilna naħdmu dwar inizzjattiva li nneħħu l-wires żejda u ma jintgħuzawx għalhekk jipproponi li nibdew il-laqgħat mal-entitajiet konċernati sabiex jitnaqqsu dak kollu li m'għadux jintuza."*

Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-mozzjoni



**58.8.3** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- Is-Sur Lawrence Ciantar u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (154 – 10/5/17):</u>**

*"Wara li Marsaskala u s-South ta' Malta ġie mgħobbi b'impjant tal-iskart għal tant snin u nkonvenjent tar-residenti speċjalment dawk li joqgħodu Marsaskala, il-Kunsill ta' Marsaskala jappoġġja l-proposta taż-żarmar tal-impjant tal-iskart u l-impjant tar-riċiklaġġ li saret mill-Partit Laburista għall-elezzjoni ġenerali 2017 għalhekk il-Kunsill iħeġġeġ il-partiti l-oħra sabiex jappoġġjaw it-tali proposta li telimina l-inkonvenjent u tagħti arja aktar nadifa lil-Lokal tagħna u s-South ta' Malta."*

Din il-materja diġa ġiet diskussa f'punt 58.3.3 u deċiżjoni tal-Kunsill hija li tinħareġ stqarrija stampa.

**58.9** **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.</u>**

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-6.20pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir Nhar il-Ħamis 22 ta' Ġunju 2017 fis-6.00pm.

Konfermat illum 25 ta' Mejju 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Marsaskala – Laqgħa Numru 58- is-Seba Leġislatura.**